# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 440/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**Christopher Scerri**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant, Christopher Scerri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 419778M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 t'Awwissu 2016, ghall-habta tad-disgha u nofs ta' filghaxija (09:30pm), gewwa San Giljan, Tas-Sliema u bnadi ohra gewwa l-Gzejjer Maltin naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu bid-digriet li bih inghata l-helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LLD nhar is-6 ta' Settembru, 2010, b'digriet iehor li bih

inghata l-helsien mill-arrest mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli LLD nhar it-3 ta' Novembru 2014 u b'digriet iehor mill-Qorti Kriminali Imhallef Antonio Mizzi nhar l-20 ta' Dicembru 2013;

Il-Qorti kienet mitluba li tirrevoka z-zewg digrieti ta' helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Christopher Scerri u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat, kif ukoll tordna li s-somma ta' €1000 bhala depozitu u s-somma ta' €15,000 bhala garanzija personali li ghandu imposti fuqu fid-digriet moghti mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LLD datat nhar is-6 ta' Settembru 2010 kif ukoll is-somma ta' €23,000 bhala depozitu u s-somma ta' €30,000 bhala garanzija personali li ghandu imposti fuqu fid-digriet moghti mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli LLD datat it-3 ta' Novembru 2014 u s-somma ta' €10,000 bhala depozitu u s-somma ta' €20,000 bhala garanzija personali li ghandu imposti fuqu fid-digriet moghti mill-Onor. Imhallef Antonio Mizzi datat l-20 ta' Dicembru 2013, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta hekk kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-22 ta' Settembru, 2016 li biha sabet lill-Christopher Scerri hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu hames (5) xhur prigunerija. Il-Qorti inoltre irrevokat l-ghoti tal-helsien mill-arrest moghti permezz tad-digriet tas-6 ta' Settembru, 2010, tat-3 ta' Novembru, 2014, fl-20 ta' Dicembru, 2013 u ghalhekk ordnat r-riarrest b'effett immedjat tal-imputat u ordnat li d-depozitu ta' elf ewro (€1000) u l-garanzija personali ta' hmistax-il elf ewro (€15,000) mposti fuqu fid-digriet tal-helsien mill-arrest moghti mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LLD fis-6 ta' Settembru 2010, id-depozitu ta' tlieta u ghoxrin elf ewro (€23,000) u l-

garanzija personali ta' tletin elf Ewro (€30,000) imposti fuqu fid-digriet tal-helsien mill-arrest moghti mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D. fit-3 ta' Novembru 2014 u d-depozitu ta' ghaxart elef ewro (€10,000) u l-garanzija personali ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) imposti fuqu mill-Imhallef Antonio Mizzi datat l-20 ta' Dicembru 2013, jghaddu kollha favur il-Gvern ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Christopher Scerri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-unika akkuza migjuba fil-konfront tieghu u minflok tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah minnha, jew **sussidjarjament tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant kien intercettat qed isuq vettura waqt li kien qieghed taht helsien mill-arrest fuq tlett proceduri kriminali kontra tieghu u dan f'hin meta, skond id-digrieti tal-helsien mill-arrest, kien suppost gia rinkazat. L-appellant, li joqghod l-Imsida, kien intlemah f'Paceville

qed isuq vettura li fiha kien hemm is-siehba tieghu, koppja ohra u zewg uliedhom u kelb. Il-Pulizija segwewh tul it-Triq Regjonali u waqqfuh fejn ir-roundabout tal-Kappara. Hemmhekk intlemah jarmi pakkett zghir kontenenti sustanza kannella u wara tfittxija fuq il-persuna tieghu instab ukoll fil-but tieghu pakkett iehor zghir b'sustanza kannella;

2. L-appellant jillanja din is-sentenza bi tlett aggravji bl-ewwel gravami jindirizza dak li hu jikkonsidra bhala apprezzament zbaljat tal-provi. L-appellant jargumenta illi l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra sia l-provi tal-prosekuzzjoni kif ukoll dawk tad-difiza u strahet biss fuq il-fatt illi l-hin li fih kien intercettat barra mir-residenza tieghu kien oltre dak stabbilit fid-digrieti tal-helsien mill-arrest. Il-qofol tal-argument tal-appellant hu li l-Ewwel Qorti skartat id-deposizzjoni tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri li kien l-uniku xhud indipendenti li seta' jaghti spjegazzjoni xjentifika u esperta rigward is-sitwazzjoni tal-appellant;

3. Minn ezami akkurat tal-atti processwali, jemergi illi l-appellant kien inghata il-helsien mill-arrest fi tlett proceduri kriminali pendenti kontra tieghu. Meta kien intercettat kif spjegat *supra,* huwa produca certifikat mediku mahrug mill-psikjatra Dr. Joseph Spiteri fil-5 ta' Lulju 2016 li jghid hekk: "*The above mentioned remains under my professional care. He is suffering from schizoaffective disorder. He shows panic attacks which may require him to go out of doors*". Issa, Dr. Spiteri xehed fit-tul dwar il-kondizzjoni tal-appellant. Fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti ddikjarat ill semghet b'attenzjoni kbira ix-xhieda tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri, ezaminat c-certifikat mediku u kkonkludiet illi huwa "*bizzejjed li huwa johrog mid-dar sakemm jikkalma u jirrilassa u assolutament ma hemmx il-htiega li huwa jirkeb u jsuq il-karozza sabiex jallontana ruhu minn daru. Kif ben tajjeb rrilevat il-Prosekuzzjoni, l-imputat jghix ix-Xatt tal-Imsida u ghalhekk li*

*jekk jaqsam it-triq u jpoggi bilqieghda fuq bank hdejn il-bahar huwa rimedju sufficjenti sabiex jikkalma u jirrilassa"*;

4. Din il-Qorti ukoll ezaminat ix-xhieda tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri minn fejn jemergi illi l-appellant huwa suggett ta' attakki ta' paniku kawza ta' hafna hsibijiet u kien ghalhekk irrakkomandalu illi f'cirkostanzi bhal dawk ikun ahjar li johrog mid-dar sabiex jirrilassa u li huwa konsiljabbli li jkun fil-kumpanija ta' xi hadd familjari li jista' jkun ta' ghajnuna ghalih. Din il-Qorti ma taqbel xejn mal-appellant meta jghid li l-Ewwel Qorti skartat ix-xhieda tal-psikjatra. Kienet id-difiza li ssuggeriet lil Dr. Spiteri li dawra bil-karozza jkun ezempju ta' kif jista' jirrilassa (fol 65). "Fi stat akut ta' panic attack ma huwiex tajjeb li jsuq karozza, pero' umbaghad x'hin jghaddilu m'hemmx raguni ghalxiex le" (fol 71. Dwar ir-rakkomandazzjoni fic-certifikat inniffsu, senjatament li attakk ta' paniku jista' jirrikjedi li johrog 'l barra fil-miftuh, t-tabib psikjatra wiegeb hekk: "*Din hija procedura normali li ahna nuzaw fid-depression. Per ezempju meta jkollok xi hadd li jkun fuq is-sick leave u hemm fis-sick leave ma tistax tohrog mid-dar jekk inti taghmillu certifikat li jista johrog mid-dar allura t-tobba tal-kumpaniji jhallu dik il-[lee] way li jista' johrog minhabba ragunijiet psikologici, huma standard practice"* (fol 79);

5. Ezaminat dan kollu fil-kwadru tal-fatti kollha in speci fejn l-appellant, kien intlemah gewwa Paceville qed isuq vettura li fiha kien hemm is-siehba tieghu, koppja hbieb tieghu u zewgt itfal taghhom u kelb, l-Ewwel Qorti deherilha li din l-istampa ma hi xejn kompatibbli ma' sitwazzjoni fejn persuna qabadha attakk ta' paniku u harget 'l barra biex tirrilassa. Din il-Qorti, bhal dik tal-ewwel istanza, ma tistax tirrikoncilja sitwazzjoni fejn persuna tinqabad barra mid-dar wara l-hinijiet ta' rinkazar genwinament minhabba attakk ta' paniku *sic et simplicitur* ma' sitwazzjoni fejn l-appellant intlemah boghod minn daru, f'ambjent ta' divertiment isuq vettura ma' hbieb u

uliedhom fejn allura f'dan is-suppost attakk li htieglu jallontana mid-dar kellu l-hin jorganizza din il-harga;

6. Din il-Qorti ghalhekk ma taqbel xejn mal-appellant meta jghid li huwa ma kienx qieghed barra wara l-hin ta' rinkazar b'kapricc izda fuq ordni tal-psikjatra u konsegwentement l-ewwel aggravju qed ikun michud;

7. Fit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jargumenta illi l-ewwel Qorti qatt ma setghet tkun konvinta 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest kienu ghadhom vigenti fuq l-appellant. L-ewwel argument in rigward huwa li l-ufficjal prosekutur qatt ma kkonferma bil-gurament li t-tlett digrieti ghall-helsien mill-arrest kienu ghadhom vigenti. Dan l-argument huwa wiehed fierah ghall-ahhar. L-Ispettur Keith Arnaud fl-ewwel lok kkonferma l-imputazzjoni bil-gurament u aktar tard xehed kif l-appellant kien intercettat fi Triq Regionali *"fil-hin li suppost huwa kien qed jirrinkaza ruhu skond il-bail conditions li ghandu u li akkordatlu l-Qorti"* (fol 15). Dik id-dikjarazzjoni qatt ma tqieghdet f'dubbju tul il-procediment in dizamina anqas b'domanda wahda in kontro-ezami u ghalhekk l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi illi dawk id-digrieti kienu ghadhom veljanti;

8. L-appellant huwa tal-fehma ukoll illi l-prosekuzzjoni kien messha tressaq lir-Registraturi tal-Qorti u lill-Ufficcjal Prosekutur dwar kull kaz biex jikkonfermaw illi il-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest kienu ghadhom vigenti. Dawn setghu ukoll kienu soggetti ghall-varjazzjoni minn dakinhar li nghataw u ghalhekk ma jistghux jitqiesu bhala l-ahjar prova. L-appellant ghamel referenza ghas-sentenza Il-Pulizija vs Charles Paul Muscat deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-15 ta' Gunju 2016. F'dak il-kaz, ukoll l-imputat kien akkuzat bil-kondizzjonijiet ta' helsien mill-arrest moghtija lilu per via ta' zewg digrieti. Dak li izda l-appellant jghid li kien ritenut mill-Qorti kienu fil-fatt riproduzzjoni ta' parti mis-sottomissjonijiet tal-ufficcjal

prosekutur u tad-difiza li l-Qorti ccitat fis-sentenza taghha. Dak li rriteniet il-Qorti kien biss "*Illi din l-imputazzjoni ma tirrizultax mill-atti processwali u b'hekk l-imputat ser jigi [recte: ikun: liberat minnha*". Dan naturalment ma hu ta' ebda sostenn ghall-argument tal-appellant;

9. L-istess jinghad ukoll dwar is-sentenza citata mill-appellant Il-Pulizija vs Hussein Hamada deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-13 ta' Jannar, 2016. F'dik il-kawza, l-imputat kien ammetta l-imputazzjonijiet dwar traffikar u pussess ta' droga. Huwa kien ukoll akkuzat li kien kiser il-kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest kif ukoll bi ksur tal-addebitu tar-recidiva. F'dik il-kawza izda l-imputazzjoni ma tindikax f'hiex kien jikkonsisti dan il-ksur. Wiehed jista' biss jipprezumi li kien kiser il-kundizzjoni normalment moghti li ma setghax jikkommetti reat iehor ta' natura volontarja sakemm ikun mehlus mill-arrest, izda l-prezunzjonijiet u l-assunzjonijiet ma humiex fil-vokabularju ta' din il-Qorti. F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Magistrati kienet tal-fehma illi kien jispetta lill-prosekuzzjoni tipprova mhux biss l-ezistenza tad-digriet u l-identita tal-imputat izda ukoll illi l-kawza li dwarha kien mehlus mill-arrest kienet ghadha pendenti. U dan ghaliex donnu l-prosekuzzjoni kienet qed titratta dik l-imputazzjoni bhal addebitu tar-recidiva, jigifieri bhala konferma ta' kaz li ghadda in gudikat;

10. Dik il-Qorti gustament deherilha illi kienet mankanti l-prova tal-vigenza tal-proceduri penali u kienet libera taghmel dik il-konsiderazzjoni izda l-mertu ta' dik il-kawza ma huwiex mertu tal-appell odjern. Kull kaz jehtieg li jkun deciz fuq il-mertu tieghu u l-provi konsiderati indipendentement minn fatti estrani. Fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni ressqet vera kopja ta' kull digriet awtentikat mir-Registraturi tal-Qrati u isegwi ghalhekk li dawn ikunu ezaminati *seriatim*;

11. Id-Dokument **KA 4** huwa vera kopja ta' Digriet tal-Qorti Kriminali tat-23 ta' Dicembru 2013 moghti wara rikors ta' Christopher Scerri. F'dan id-digriet, il-Qorti kkoncediet il-helsien mill-arrest tal-istess Christopher Scerri bil-kundizzjonijiet, *inter alia*, li jirtira gewwa r-residenza tieghu mhux aktar tard mid-9 ta' filghaxija u li ma jistghax johrog qabel is-6 ta' filghodu u dan kontra depozitu ta' €10,000 u garanzija personali ta' €20,000 . Anness ma' dan id-digriet hemm formola ta' garanzija personali fl-ammont ta' €20,000 fejn jidher indikat ukoll in-numru tal-Karta' tal-Identita' tal-persuna li iffirmat din il-garanzija, jigifieri C. Scerri. Id-dokument **KA5** imbaghad huwa Digriet ta' helsien mill-arrest moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ukoll fil-konfront ta' Christopher Scerri fit-3 ta' Novembru 2014. Il-hin ta' rinkazar huwa ffissat bhala t-8 ta' filghaxija u ma jistghax johrog qabel it-8 ta' filghodu u dan, fost kondizzjonijiet ohra, suggett ghall-depozitu ta' €23,000 u garanzija personali ta' €30,000. F'dan id-dokument jidher biss isem Christopher Scerri minghajr forma ohra ta' identita'. Id-dokument **KA6**, imbaghad huwa digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), moghti fis-6 ta' Settembru 2010 ukoll fil-konfront ta' Christopher Scerri li bih inghata l-helsien mill-arrest suggett, *inter alia*, li jkun gewwa r-residenza tieghu mhux aktar tard mid-9 ta' filghaxija u ma jistghax johrog aktar kmieni mit-tmienja nieqes kwart ta' filghodu, kontra depozitu ta' €1,000 u garanzjija personali ta' €15,000. Anke f'dan il-kaz ma hemm l-ebda forma ta' certezza li l-appellant huwa il-Christopher Scerri msemmi fid-digrieti indikati fid-dokumenti KA5 u KA6;

12. L-appellant ghalhekk ghandu ragun in parti ghaliex hija ghall-kollox assenti l-prova li Christopher Scerri msemmi fid-dokumenti KA5 u KA6 huwa l-appellant odjern allura imputat. Lanqas ma jirrizulta li dawk id-digrieti inghataw fil-konfront ta'

Christopher Scerri *qua* imputat f'kawzi ohra minfejn allura tista' tkun konsiderata l-identita' tieghu;

13. Fit-tielet aggravju tieghu, l-appellant jargumenta illi anke li kellu jirrizulta ksur tal-kundizzjonijiet, l-ewwel Qorti skartat id-disposizzjoni tal-ligi kif ravvizata fl-artikolu 412A(3) tal-Kodici Kriminali u dan meta naqset li tqis l-istess ksur bhala wiehed *de minimis*. L-appellant kien intercettat ghall-habta tad-9.30 ta' filghaxija meta l-hin ta' rinkazar tieghu kien fid-9 ta' filghaxija. Irid jinghad minnufih illi d-Digriet Dok KA5 jimponi rinkazar fit-8 ta' filghaxija izda, kif inghad *supra,* dak id-digriet kif ukoll dak dokument KA6 ma ngiebitx prova dwarhom u ghalhekk minn issa 'l quddiem ser jitqies biss id-digriet KA4 li kien jimponi hin ta' rinkazar fid-9 ta' filghaxija;

14. L-appellant ma ghandux ragun f'dan l-argument ghaliex l-artikolu 412A tal-Kodici Kriminali japplika ghal dawk il-kazijiet fejn il-Qorti tista' timponi xi kundizzjoni fuq akkuzat jew imputat sabiex tkun zgurata d-dehra tieghu fil-proceduri, **meta ma jkunx taht arrest**. F'dak il-kaz, u fil-kaz ta' ksur ta' dik il-kondizzjoni, s-somma li tinghata b'garanzija tghaddi favur il-Gvern ta' Malta, hlief meta l-Qorti tikkunsidra li l-ksur tal-kondizzjoni imposta minnha ma tkunx ta' konsegwenza serja. Fil-kaz odjern, u skond id-dokument KA4, l-appellant kien inghata il-**helsien mill-arrest** u ghalhekk mhux applikabbli l-artikolu 412A tal-Kodici Kriminali kif qed jistenna l-appellant. Dispost tal-ligi simili ghal dan huwa l-proviso tal-artikolu 579(1) u jidher li l-appellant ried jaghmel referenza ghal dan l-artikolu u mhux l-artikolu 412A. L-ewwel Qorti rriteniet illi din l-infrazzjoni tal-hin ma tistax titqies bhala li mhix ta' importanza [recte: konsegwenza] serja. Dan id-dispost tal-ligi, izda, jirreferi ghat-telf tas-somma imsemmija fl-obbligazzjoni. Huwa is-subinciz (2) tal-artikolu 579 li jirraviza ir-reat li persuna tonqos milli thares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet taghha li taghti l-helsien

mill-arrest. F'dak il-kaz, il-hati jkun soggett ghall-piena hemm infraskritta u "*l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija* ***ghandu*** *jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta".* Qabel l-emendi bis-sahha tal-Att VIII tas-17 ta' Marzu 2015, l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest "*jista jigi konfiskat*" . Fiz-zmien meta kommess dan ir-reat, l-ligi timponi tassattivament t-telf tal-ammont stabbilit bhala garanzija;

15. L-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Dunstin Bugeja tal-25 ta' Far, 2016 per Onor Imhallef Edwina Grima u jargumenta illi l-istess Qorti, in linea mad-decizjoni tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem – Lawrence Gatt vs Malta (27.10.2010) u dik tal-Qorti Kostituzzjonali tas-16 ta' Marzu, 2011 fl-ismijiet John Grima vs Avukat Generali. F'dik is-sentenza, fejn wahda mill-imputazzjonijiet kienet konsimili ghal dik odjerna, l-Qorti applikat l-insenjament emergenti mis-sentenzi appena citati sabiex ma jkunx hemm "*elements of shocking disproportionality*" meta wiehed jinstab hati ta' ksur ta' kundizzjoni ta' helsien mill-arrest. Anke f'dak il-kaz, l-appellant kien instab hati li kien qieghed barra wara l-hin ta' rinkazar. Dak il-kaz izda kien sehh meta l-ligi in rigward kienet differenti minn dik kif vigenti llum tant li l-Qorti kienet affermat illi "*.. illum bl-emendi li dahlu fis-sehh permezz tal-Att VIII tal-2015 din id-distinzjoni madanakollu mhux biss ma saritx mill-legislatur, izda dahhlet "blanket provision" li ma thalli l-ebda diskrezzjoni iktar f'idejn il-Qorti billi l-konfiska tal-garanzija jew depozitu ghandha issa tassattivament issir dejjem immaterjalment jekk il-ksur ikunx wiehed serju jew* de minimis";

16. Jehtieg hawn li ssir distinzzjoni bejn jekk l-ewwel Qorti kellhiex issib htija fl-appellant ghaliex kien ittardja bi ftit u jekk minkejja li sabet htija kellhiex tordna l-konfiska tal-garanzija ghaliex il-hin ta' rinkazar kien inqabez bi ftit jew anke ghaliex kien kwistjoni

ta’ importanza zghira ghall-kundizzjoni principali li jidher ghall-proceduri kontra tieghu. Fit-tieni u t-tielet ipotezi, idejn il-Qorti huma marbutin u ghalhekk il-kwistjoni mhix soggetta ghad-diskussjoni. Kienet tkun differenti li kieku l-Qorti li kienet qed tisma l-kumpilazzjoni jew kawza intalbet taghti provvediment minhabba infrazzjoni ta’ kundizzjoni u dan fit-termini tal-artikolu 579(1). Izda l-appellant tressaq b’arrest minhabba f’hekk u la darba instab hati il-konsegwenzi huma dawk infraskritti fil-ligi. Kwantu l-ewwel ipotezi, l-ewwel Qorti qieset li kien hemm ksur tal-kundizzjoni anke jekk meta kien intercettat kienu id-disgha u tnejn u ghoxrin minuta meta suppost kien id-dar fid-disgha. Tajjeb li jinghad in-rigward illi huwa intlemah Paceville fid-9 ta’ filghaxija, joqghod l-Imsida u ghalhekk kien ghadu barra b’nuqqas ta’ konsiderazzjoni ghal dik l-obbligazzjoni;

17. L-ufficjal prosekutur xehed kif drabi ohra l-appellant kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest billi hareg mid-dar tieghu biex jiffirma l-ghassa qabel il-hin. Minkejja dan wissieh u ma ha ebda passi kontra tieghu u kien wissieh ukoll sabiex jaghmel talba lill-Qorti sabiex takkorda tibdil fil-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest jekk jixtieq li dawn jinbidlu u mhux jaghmel kif jidhirlu. Minkejja dan l-avvertiment, l-appellant xorta wahda jaghmel kif jixtieq hu. Ghalhekk imbaghad l-infrazzjoni tassumi certu serjeta u ma tistax tiqties bhala wahda minima;

18. L-appellant jillanja s-sentenza appellata ukoll mill-ottika li l-piena erogata mill-ewwel Qorti ma taghtix l-importanza misthoqqa ghall-aspett riformattiv. Huwa jargumenta illi il-Qrati taghna gieli ghazlu li jimponu piena alternattiva ghall-dik kominata mill-ewwel Qorti anke f’kazijiet fejn l-appellant kien gia kundannat ghal-diversi drabi precedentement. Issa huwa minnu dak li jissottometti l-appellant izda dan kien f’kazijiet fejn l-appellant ikun wera disposizzjoni u ressaq provi biex juri li verament jixtieq ibiddel hajtu.

Din il-Qorti ma tistax tikkontempla tali mizura, f'kaz li taghzel li tissostitwixxi d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti, li wara kollox mhux normali li jsir hekk, u dan ghaliex l-argumenti tal-appellant ma huma bl-ebda mod sostenuti b'xi forma ta' movent li juri li hemm tentattiv ghar-riforma ta' hajtu;

19. Il-piena erogata mill-ewwel Qorti, apparti l-konsegwenzjali konfiska ta' garanzija, hija ta' hames xhur prigunerija u din tirrientra sew fil-parametri tal-ligi billi hija prattikament il-minimu stante li dan ir-reat jirraviza piena ta' prigunerija minn erba xhur sa sentejn jew tal-multa;

20. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tichad in parti t-talba ghat-tahsir u r-revoka tas-sentenza appellata bil-konsegwenza li hemm lok ghar-riforma taghha kif ser jinghad:

. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati talli naqas li jhares xi wahda mill-kondizzjoniijiet imposti fuqu bid-digriet li bih inghata l-helsien mill-arrest mill-Qorti Kriminali b'digriet tal-20 ta' Dicembru, 2013;

. Tikkonfermaha ukoll f'dik il-parti fejn ordnat d-depozitu ta' €10,000 u l-garanzija personali ta' €20,000 mposti fuqu bid-digriet tal-Qorti Kriminali tal-20 ta' Dicembru 2013, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta;

. Thassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati talli naqas milli jhares xi kondizzjoni imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati bid-digriet tas-6 ta' Settembru 2010 u tat-3 ta' Novembru 2014 u tilliberah minn kull htija u piena dwarhom. Konsegwentement thassarha ukoll f'dik il-parti fejn ordnat ir-revoka tal-ghoti tal-helsien mill-arrest moghti permezz tad-digrieti tas-6 ta' Settembru 2010,u tat-3 ta' Novembru, 2014 u f'dik il-parti fejn ordnat li d-depozitu ta' €1000 u l-garanzija personali ta' €15,000 u d-depozitu ta' €23,000 u l-garanzija personali ta' €30,000 mposti fuqu bid-digrieti tas-6 ta' Settembru 2010 u tat-3 ta' Novembru 2014 rispettivament;

. Tichad it-talba ghar-riforma tas-sentenza appellata kwantu tikkoncerna l-piena u ghalhekk tikkonfermaha ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghal-terminu ta' prigunerija ta' hames xhur.